MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2881/2002

**Eugenio Sciberras**

**vs**

**Marlon Agius**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Novembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' elf u erba' mija u tlieta u hamsin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm1453.15), prevja d-dikjarazzjoni li l-incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' Lulju, 2002, f'Misrah il-Fidwa, Mqabba, sehh b'tort uniku tal-konvenut meta bi traskuragni, b'imperizja, b'negligenza u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku huwa saq fuq il-karreggjata l-hazina tat-triq b'mod li kkawza l-incident u kkawza hsarat fil-vettura ta' l-attur tal-marka Toyota Hilux numru EBA 852, fl-ammont ta' Lm1453.15 jew somma ohra verjuri stabbilita mit-Tribunal; l-istess**

**konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' Lm1453.15 jew somma ohra verjuri b'rizultat tad-danni kagunati fl-incident imsemmi.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Settembru 2002 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data ta' l-**
**eventwali hlas, ilkoll kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-7 ta' Marzu, 2003 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident in kwistjoni l-konvenut ma kellu ebda htija kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' Eugenio Sciberras, PS 1448 Victor Buttigieg. Ra n-nota ta' ammissjoni pprezentata mill-konvenut fit-8 ta' Lulju 2003, li biha ammetta t-talba kif dedotta u fejn il-partijiet qablu li l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejniethom.**

**Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal qed jilqa' t-talba ta' l-attur, u jididkjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident *de quo* u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' elf u erba' mija u tlieta u hamsin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm1453.15)**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------